



# L-Immakulata ta' Trapani fil-Knisja tal-Qrendi

Riċerka u kitba ta' Raymond Saliba

Fil-knisja parrokkjali tal-Qrendi ddedikata lil Marija Assunta, insibu diversi xbihat Marjani b'rabta mat-titlu tal-Immakulat Konċepiment ta' Marija. Wieħed minnhom jinsab f'niċċa tal-injam indurata fuq l-artal tal-kor f'nofs l-iskannell tar-reġistru ta' fuq. Dan l-oġġett, għalkemm hu ċkejken fid-daqs, huwa kbir fil-merti artistiċi tiegħu! Dan jikkonsisti minn statwa tal-irħam li għall-valuri artistiċi tagħha jisthoqqilha għarfien akbar. F'dan il-kontribut tagħna sejrin mhux biss nelenkaw dawn il-valuri artistiċi iżda wkoll nagħmlu tentattiv t'attribuzzjoni fuq konsiderazzjonijiet stilistiċi.



## Ħjiel ikonografiku

Hemm diversi modi kif l-artisti wrew l-espressjoni tagħhom biex jispjegaw jew ifakkru dan il-misteru Marjan li jorbot mat-twelid bla ebda dnub ta' Marija, omm Ġesù. Għal diversi passaġġi mill-Vanġeli jew mit-Tradizzjoni tal-Knisja Kattolika, l-arti sagra toffri lingwaġġ artistiku u didattiku speċifiku li bih tfiehem u tgħallem lill-fidili.

L-ikonografija sagra għandha l-kodiċi tagħha li kien żviluppat fuq medda ta' snin u ħsieb. Għalkemm fil-proċess biex kien ifformulat, kien meħtieġ ħafna għarfien min-nies ta' skola, il-persuni li l-aktar li jridu jagħmlu użu minnu huma dawk ta' ftit jew xejn skola. Għalhekk, l-ikonografija, kellha sservi bħala manwal, impitter jew skolpit, li jieħu post il-kitba bil-linka jew stampata.

Waħda mill-eqdem rappreżentazzjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni hi dik imsejħa ***Tota Pulchra***. Dan il-mudell ikonografiku kien beda jintwera u jinxtered fi żmien ir-Rinaxximent, l-aktar mis-seklu XV. L-artisti Rinaxximentali, kuntrarju għal dawk ta' qabilhom, kellhom gwida iddettata mill-fidi f'dan il-misteru li kien qed ikun diskuss u kkjarifikat. Issa l-artist seta' jwassal ukoll il-*mentalità immacolatistica*, b'mod dirett u distint.

## Spanja

Il-mudell l-aktar komuni tal-Immakulata baqa' dak tal-figura ta' Marija bilwieqfa u b'idha msallba jew f'ġest ta' talb fuq sidirha. Taħt saqajha hemm serp li qed tgħaffġu, simbolu meħud mill-Apokalissi, għalhekk f'ħalq is-serp tidher tuffieħa. L-Immakulata issa tidher bħala Eva l-ġdida. Din ir-raffigurazzjoni kienet intużat ukoll minn San Bonaventura imma fl-arti Spanjola, sas-seklu XVI, l-artisti segwew il-ħsieb ta' Francisco del Rio. Dan il-pittur u kittieb kien ta' ispirazzjoni ġdida lill-kult tal-Immakulata, filwaqt li kabbar din l-ikonografija Marjana billi ħoloq kodiċi kemmxejn differenti. Marija bdiet tidher bħala tfajla żagħżugħa, liebsa l-abjad, b'kurdun Franġiskan bi tliet għoqiedi marbut ma' qaddha, flimkien ma' mantell blu jew ċelest. Taħt saqajha jidher ukoll il-qamar, simbolu antik tal-kastità. L-artist Spanjol Bartolome Esteban Murillo (1617 – 1682), hu forsi l-aktar li ddisinja dan il-mudell fuq it-tila, f'mhux anqas minn seba' kwadri. Dawn kważi identiċi bħala skema ikonografika, b'Marija dejjem tidher skont il-mudell ta' Del Rio u akkumpanjata minn qtajja ta' puttini, bid-differenza li daqqa idejn Marija huma msallba, filwaqt li drabi oħra jinsabu bil-pali ma' xulxin. Murillo pitter dawn il-kwadri bejn l-1655 u l-1680.

Kważi kontemporanju għal Murillo, kien hemm artist ieħor spanjol, Juspeppe de Ribera (1591 – 1652), li pitter diversi kwadri tal-Immakulata, skont il-mudell

ta' Del Rio. Però kien Murillo li kkontribwixxa biex kienet żviluppata ikonografija ġdida tal-Immakulata li ma tibqax marbuta ma' dik tradizzjonali. Issa l-figura tal-Madonna tidher waħedha, akkumpanjata mill-puttini però bla attribwiti oħra mil-Litanija jew b'rabta mal-verġinità tagħha, ħlief għal qamar taħt saqajha. Iżda tajjeb ninnutaw li dawn iż-żewġ artisti Spanjoli pittru l-Immakulata bl-istess poża u akkumpanjata b'puttini fi stil Barokk, l-espressjoni ppreferita wara l-Kontro-Riforma.

Fl-Italja wkoll kellek tipoloġija t'ikonografija li tixbah lil dik Spanjola, inkluż matul il-perjodu Barokk. Artisti rinomati, bħal Giovanni Lanfranco (1582 – 1647), żammew l-aspett duttrinali, flimkien mal-figura ta' Marija, sottomessa għall-pjan t'Alla, isserraħ fuq il-qamar u mdawra bi qtajja t'anġli.

## Sqallija

Sqallija kellha ħafna affarijiet komuni ma' Spanja li għal żmien twil kienu taħt Saltna waħda. Dan japplika fuq kollox f'kuntest kulturali u artistiku. Bosta artisti kienu midħla tax-xena Spanjola u l-artisti attivi hemm kienu t'ispirazzjoni għalihom. L-ikonografija reliġjuża wkoll kellha passaġġi paralleli li huma ċertament murija fejn tidħol l-ikonografija tal-Kunċizzjoni.

Pittur Sqalli li spikka fis-seklu XVI u li kien influwenzat minn artisti Spanjoli kien Pietro Novelli (1603 – 1647). Hu esprima ruħu b'kultura Barokka, li kienet tħares lejn mudelli Rumani, Naplitani u Spanjoli. Hemm diversi kwadri b'rabta mat-tema Marjana li qed nitkellmu dwarha, però jispikka l-kwadru li sar għall-knisja Palermitana tal-*Concezione al Capo,* impitter



fl-1635. Hawn l-artist jagħtina rappreżentazzjoni tal-Kunċizzjoni simili ħafna għall-mudelli Spanjoli, b'Marija bil-ħarsa tagħha lejn is-sema; b'idha msallba fuq sidirha, filwaqt li taħt riġlejha hemm il-qamar, flimkien ma' numru mdaqqas ta' anġli u puttini madwarha.

Bosta statwi li kienu fil-knejjes, partikolarment fuq l-artali, inkella vari proċessjonali fi Sqallija kienu maħduma fl-injam bejn is-sekli XIV-XVIII. Dawn ukoll, f'bosta każi saru fuq prototipi Spanjoli.

## Malta

Meta niġu għas-sitwazzjoni lokali, il-mudelli duttrinali kienu dawk tal-Kurja Rumana, prattika li segwiet ukoll fl-espressjoni artistika. Iżda ma setax jonqos li l-influwenza Spanjola ma kinitx preżenti, speċjalment meta ġejja minn Sqallija.

L-eqdem mudelli ikonografiċi huma dawk b'xebh mal-Assunta, għalkemm kontemporanjament, mis-seklu XVI nibdew naraw il-prototip Barokk Spanjol u Taljan bħala norma. Dan nistgħu narawh ferm tajjeb f'numru ta' kwadri imma l-aktar fil-kwadru titulari tal-parroċċa ta' Bormla, l-eqdem parroċċa ddedikata lill-Kunċizzjoni. Hawn, f'xogħol attribwit għal Carlo Gimach (nofs is-seklu XVIII), Marija tidher liebsa libsa bajda u b'mantell blu, tisħaq ras is-serp, filwaqt li tinsab imdawra bi qtajja t'anġli. Dan il-mudell baqa' l-prototip matul il-perjodu kollu tal-Barokk lokali wkoll, kif kien qed jiġri fil-kontinent. Artisti li kontemporanjament pittru bosta kwadri bl-istess suġġett u bl-istess skema ikonoloġika, kienu Stefano u Alessio Erardi; Gian Nikola Buhagiar u Francesco Zahra.

Fejn tidħol l-arti statwarja, l-eqdem statwa jidher li hi l-vara li wkoll kienet fil-parroċċa Bormliża, iżda li snin wara kienet mogħtija lill-parroċċa tal-Qrendi biex tintuża bħala vara titulari, minkejja li hi ddedikata lil Marija Assunta. Hu xogħol interessanti ta' tard is-seklu XVI jew l-ewwel nofs tas-seklu XVII, maħdum fl-injam polikromu li ma jirriflettix essenzjalment kultura Barokka. Statwa oħra antika tal-Kunċizzjoni, maħduma fis-seklu XVII għall-parroċċa ta' Bormla, kienet dik attribwita lil Marija De Domenicis, xogħol li jirrifletti sentimenti Barokki fejn Marija wkoll hi mdawra b'numru ta' puttini.

Xi statwi tal-injam f'dan il-perjodu kienu miġjuba minn artijiet barranin, fosthom Spanja, il-Portugall u l-Italja, partikolarment minn Sqallija. Hekk naraw li fis-seklu XVII u XVIII inġiebu statwi għall-Franġiskani Konventwali tal-Belt Valletta, filwaqt li l-komunità Franġiskana Konventwali tar-Rabat ta' Malta, akkwistat vara li kienet fil-knisja tal-istess Ordni Reliġjuż f'Palermo. Ta' min iżid ukoll li fi Sqallija l-kult lejn l-Immakulata kien b'saħħtu ħafna, speċjalment b'rabta mal-Ordnijiet Mendikanti Franġiskani.

Apparti minn statwi proċessjonali jew ta' daqs kbir kienu jiġu kkummissjonati jew akkwistati bosta

statwi oħra ta' daqs żgħir, normalment biex jinżammu fi djar privati jew kunventi. Dawn kienu jsiru minn materjali varji, l-aktar mill-injam jew l-irħam. Tipoloġija partikolari ta' statwi żgħar li kienu ferm popolari mal-familji tat-tajjeb, kienu dawk miġjuba minn Trapani, fi Sqallija, l-aktar bejn is-sekli XVII u XVIII. Minn Trapani għal Malta mhux biss kienu jiġu dawn l-istatwetti, iżda wkoll oġġetti oħra t'arti dekorattiva, f'għamla ta' oġġetti privati jew utilensi ekkleżjastiċi. Wieħed mill-ewwel eżempji ta' statwi tal-irħam *Trapanesi* li daħal fil-gżejjer Maltin kien b'rabta mal-Madonna ta' Trapani, tant li nsibu bosta kopji f'kollezzjonijiet pubbliċi u privati.

## Il-familja Tipa

Fit-tradizzjoni skultorika ta' Trapani bejn is-sekli XVII u XVIII insibu bosta xogħlijiet ta' daqs ċkejken, b'tema reliġjuża li kienu marbuta ma' kulti lokali. Dan ix-xogħol kien jitnaqqax fl-irħam, partikolarment l-alabastru bajdani. Dan seta' jkun possibbli anke għaliex fit-territorju kienu jeżistu barrieri li joffru din il-materja prima. Skulturi kien hemm dawk individwali, bħal Giacomo Tartaglio, kif ukoll bħala familja li lkoll kellhom il-*botteghi* tagħhom. Minn dan it-tieni grupp nelenkaw dawk ta' Calamecca li ħadmu mis-seklu XVI u ta' Tipa attivi bejn is-sekli XVII u XVIII.

Il-familja Tipa kienet protagonista tal-attività skultorika fl-alabastru ta' daqs ċkejken, b'xogħol artiġjanali u artistiku tal-ogħla livell. Il-missier li beda kollox kien jismu Giuseppe imma uliedu Andrea u Alberto kienu l-aktar li għamlu isem. Giuseppe ħadem flimkien ma' ħutu Antonio u Simone fuq diversi proġetti ta' xogħol fl-irħam, fosthom l-artal tal-knisja ta' San Alberto fi Trapani. Andrea (1725 – 1766) kien artist prolifiku li speċjalizza f'xogħlijiet fl-avorju, koralli, *madreperla* u *ambra*. Alberto (1732 – 1783) kien ukoll artist prolifiku u versatili, li ħadem prinċipalment fl-irħam u fl-injam. L-aħwa Andrea u Alberto jibqgħu marbuta l-aktar mal-produzzjoni ta' statwi reliġjużi, speċjalment ta' daqs żgħir, li kuntrarju għax-xogħol ta' daqs kbir u medju li baqa' lokalizzat fi Sqallija, sabu posthom f'bosta pajjiżi, inkluż fil-gżejjer Maltin.



S'issa għadu ma nstabx xogħol dokumentat tal-familja Tipa f'Malta imma jekk wieħed janalizza sew diversi statwi żgħar li jinsabu f'kollezzjonijiet Maltin fuq bażi stilistika jista' jasal għall-konklużjoni li xogħol ta' Andrea jew Alberto Tipa jinsab f'Malta wkoll. L-aktar xogħol importanti fl-alabastru li nafu b'ċertezza l-provenjenza tiegħu minn Trapani hu l-istatwa ta' Sant'Agata li tinsab fil-Mużew ta' Sant'Agata tar-Rabat, Malta. Dan hu xogħol ta' daqs medju kkummissjonat jew mixtri mill-Isqof Luca Boneo u mogħti fl-1666 biex jitpoġġa fuq l-artal tal-kripta sotterranja ta' Sant'Agata. Kummissjoni importanti għal post importanti ma setax jonqos li tkun assoċjata ma' artisti wkoll importanti. Dan hu xogħol ta' livell artiġjanali għoli ferm, f'vena ta' Barokk għoli, b'eżekuzzjoni impekkabbli fid-dettalji tal-mudellatura, panneġġi u b'mod speċjali fil-minjatura li tinsab f'nofs il-faċċata tal-pedestall. Mill-aspett stilistiku, dan ix-xogħol jersaq ħafna lejn dak ta' Andrea Tipa. Statwa żgħira li riċentement kienet assoċċjata mal-attività tal-familja Tipa f'Malta, turi lil San Mikiel Arkanġlu, li tinsab f'kollezzjoni privata. Statwi simili bl-istess tipoloġija assoċjati mal-bottega Tipa, jinsabu fil-Kunvent tal-Kapuċċini f'Caltagirone u fi bnadi oħra wkoll. F'Malta nsibu wkoll diversi statwetti tal-Kunċizzjoni li jistgħu jkunu identifikati mal-familja Tipa. Nafu b'dawk f'kollezzjoni privata, oħra li kienet f'irkant pubbliku f'Ġunju 2018, flimkien ma' dik li nsibu fil-knisja parrokkjali tal-Qrendi.



Il-Kunċizzjoni tal-Qrendi u Dettall minn wara turi d-daqqiet tal-għodda li nħadmet l-istatwa

## Il-Kunċizzjoni tal-Qrendi

Din l-istatwetta tal-Immakulata Kunċizzjoni hi kapulavur artistiku li fil-gżejjer Maltin hu superat biss mill-istatwa ta' Sant'Agata li ktibt dwarha aktar qabel. Hi ta' daqs relattivament ċkejken madwar sittin ċentimetru, flimkien ma' pedestall li hu madwar 30 ċentimetru. Dwar din l-istatwa ma kien ippubblikat prattikament xejn. S'issa ma nafux min kien id-donatur u meta ġiet mogħtija lill-knisja. Din tinżamm perjodikament fuq l-iskannell tar-reġistru ta' fuq tal-

artal tal-kor. Il-post fejn tinsab jista' jindika li mill-bidu kien maħsub li kienet donazzjoni ta' preġju, għax normalment fl-istess lok, fi knejjes parrokkjali jew importanti, jinżammu r-relikwiji jew opri tal-arti sinjifikanti.

L-istil hu dak ta' Barokk għoli li jindika l-perjodu tal-ewwel nofs tas-seklu XVIII. Bħala tipoloġija hi dik tipika tal-Kunċizzjoni skont il-mudelli Spanjoli tas-seklu XVII. Hemm ukoll assimilazzjoni netta max-xogħol ta' Novelli. Marija xxidd fuqha tunika twila u mantell filwaqt li kurdun idur ma' qaddha. Ħarsitha misluta b'mod grazzjuż 'l isfel, b'idha msallbin fuq sidirha b'delikatezza kbira. B'saqajha qed tisħaq serp kbir li tispikka f'ħalqu tuffieħa. Il-panneġġi tal-mantell fihom xogħol delikat u preċiż fejn jidhol fil-fond bla ma jkun superfiċjali. Il-pedestall hu wkoll biċċa xogħol ta' skultura tajba, diviż fi tliet partijiet. Il-parti ċentrali hi magħmula minn speċi ta' arzella li fiha minjatura bir-rappreżentazzjoni tal-Preżentazzjoni ta' Marija fit-Tempju. Dan hu xogħol eċċellenti, maħdum b'delikatezza u preċiżjoni kbira. Żewġ anġli jinsabu fit-truf tal-pedestall, f'qagħda ta' ġuniflessjoni, qishom qed iżommu l-figura ta' Marija.





Xogħlijiet tal-familja Tipa, waħda Sqallija u l-oħra Malta

Simili għal dan ix-xogħol hemm bosta statwi tal-Kunċizzjoni, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Numru sostanzjali jinsabu f'kollezzjonijiet privati fi Sqallija, partikolarment f'Palermo. Nelenkaw biss dik li tinsab fil-Mużew tal-Kunvent tal-Kapuċċini ta' Caltagirone. Dawn l-istatwetti huma dejjem attribwiti lill-bottegi minn Trapani imma b'referenza lejn il-produzzjoni tal-familja Tipa. Dik tal-Qrendi, fuq konsiderazzjoni stilistika u kompożittiva, tista' bla tbatija tkun kontendent ieħor għall-bottega Tipa, speċjalment b'rabta max-xogħol ta' Andrea. Din fiha mhux biss passaġġi simili għall-istatwa ta' Sant'Agata ġewwa r-Rabat, iżda wkoll għal statwa tal-Kunċizzjoni li hi attribwita għal Andrea Tipa, li tinsab f'kollezzjoni privata f'Palermo. Hemm parallelliżmu ovvju fix-xogħol li naraw fl-istatwa tal-Qrendi ma' oħrajn li huma attribwiti għall-aħwa Tipa imma jidher li Andrea hu l-kontendent l-aktar plawsibbli.

## Referenzi


1. V.Francia, *Splendore di Bellezza,* Citta del Vaticano 2004, 101
2. O.Casazza, *La Vita della Madonna nell'arte,* Firenze 1984, 163
3. AAVV, *Bartolome' Esteban Murillo: Paintings from American Collections,* New York 2002
4. M.Scholz-Hansel, *Juseppe de Ribera,* Cologne 2000, 7
5. V.Scuderi, *Novelli,* (Supplimento al nu.2 (anno 2), Kalos 1990, 1
6. R.Cruciata, *Intrecci preziosi: Arti Decorative Siciliane a Malta 1565 – 1798,* Palermo 2016, 73
7. A.Migliorato, *La Scultura in Alabastro a Trapani: Nuovi spunti di ricerca,* f'El alabastro: Usos Artisticos y procencia del material, (ed.C.Morte), Zaragoza 2018, 239
8. L.Sarullo, *Dizionario degli artisti siciliani (scultura),* Palermo 1993, 326
9. Cruciata, op.cit., 159
10. C.Pestifilippo, *Furti d'arte a Piazza Armerina,* Kalos (anno XVII, nr.1), 2005, 21
11. M.C.di Natale, *L'Immacolata nelle arti decorattive in Sicila,* f'*L'Immacolata nell'arte in Sicilia,* (ed. M.C.di Natale e M.Vitella), Palermo 2004, 96